



Dokument ta' sessjoni

A9-0267/2023

19.9.2023

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 (COM(2023)0426 – C9-0226/2023 – 2023/0252(COD))

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Rapporteur: Heidi Hautala

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	6
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI	7
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	8

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008
(COM(2023)0426 – C9-0226/2023 – 2023/0252(COD))**

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0426),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0226/2023),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-6 ta' Settembru 2023, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A9-0267/2023),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari billi jinkorpora l-proposta tal-Kummissjoni;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

NOTA SPJEGATTIVA

L-Unjoni Ewropea (UE) ilha tagħti preferenzi kummerċjali lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw permezz tal-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SĠP) mill-1971, u bħalissa permezz ta' tliet arranġamenti differenti: SĠP Standard, SĠP+ u Kollox Minbarra Armi, l-arranġament speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati. L-iskema attwali hija bbażata fuq ir-Regolament (UE) Nru 978/2012¹ u tapplika sal-31 ta' Diċembru 2023.

Fit-22 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni Ewropea adottat proposta² għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati. Ir-Regolament il-ġdid iħassar ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2024. Fis-6 ta' Ġunju 2022, il-Parlament Ewropew ikkonferma d-deċiżjoni tal-Kumitat li jidħol f'negozjati interistituzzjonali dwar dan il-fajl fil-plenarja, abbażi tar-rapport li kien ġie adottat fil-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali fit-3 ta' Mejju 2022. In-negozjati interistituzzjonali bdew fil-31 ta' Jannar 2023.

Il-proċedura leġiżlattiva ordinarja għadha għaddejja, iżda minkejja seba' ċikli ta' negozjati ta' trilogu, għadha ma ġietx konkluzja u hemm ir-riskju li r-Regolament il-ġdid ma jkunx fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2023, meta l-iskema eżistenti SĠP ma tibqax tapplika. Għalhekk, il-Kummissjoni ressqet proposta biex testendi t-tul ta' żmien tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 b'erba' snin, bl-għan li tiżgura l-kontinwità fit-tħaddim tal-iskema lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2023 u tippermetti biżżejjed żmien biex il-proċedura leġiżlattiva tiġi konkluzja.

Il-proposta temenda biss id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 978/2012, billi testendiha sal-31 ta' Diċembru 2027.

Jekk in-negozjati dwar ir-rieżami jiġu konklużi b'suċċess, dan ir-regolament jitħassar.

Ir-rapporteur taqbel li huwa tal-akbar importanza li jiġu pprovduti ċertezzi legali lis-60 pajjiż u liż-żewġ biljun persuna li jibbenefikaw minn preferenzi permezz tal-SĠP, u li dan jitqies bħala kwistjoni ta' urġenza. Sabiex jiġu żgurati ċ-ċarezza, il-prevedibbiltà u l-kontinwità għall-operaturi ekonomiċi u għall-pajjiżi benefiċjarji kif ukoll biex jiġu salvagwardjati l-kredibbiltà u l-pożizzjoni tal-politika kummerċjali u tal-iżvilupp tal-UE, huwa importanti li l-estensjoni tiġi miftiehma malajr kemm jista' jkun. Sadanittant, in-negozjati dwar ir-regolament ta' rieżami jkunu jistgħu jkomplu.

Fid-dawl tal-fatt li l-estensjoni jeħtieġ li tiġi adottata u ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2023, kif ukoll tal-fatt li l-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni huwa limitat ħafna, ir-rapporteur tipproponi li l-Parlament Ewropew jadotta l-pożizzjoni tiegħu mingħajr emendi għall-proposta tal-Kummissjoni.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 (ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1).

² COM(2021) 579: Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-applikazzjoni ta' skema ġeneralizzata ta' preferenzi tariffarji u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	Emenda tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008
Referenzi	COM(2023)0426 – C9-0226/2023 – 2023/0252(COD)
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	4.7.2023
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 10.7.2023
Rapporteurs Data tal-ħatra	Heidi Hautala 6.7.2023
Data tal-adozzjoni	19.9.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 29 –: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Anna-Michelle Asimakopoulou, Geert Bourgeois, Saskia Bricmont, Jordi Cañas, Daniel Caspary, Arnaud Danjean, Roman Haider, Heidi Hautala, Danuta Maria Hübner, Karin Karlsbro, Danilo Oscar Lancini, Margarida Marques, Gabriel Mato, Sara Matthieu, Carles Puigdemont i Casamajó, Inma Rodríguez-Piñero, Katarína Roth Neved'alová, Helmut Scholz, Mihai Tudose, Marie-Pierre Vedrenne, Jörgen Warborn, Iuliu Winkler, Jan Zahradil
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Reinhard Bütikofer, José Manuel García-Margallo y Marfil, Javier Moreno Sánchez
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Dietmar Köster, Leopoldo López Gil, Thijs Reuten
Data tat-tressiq	19.9.2023

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

29	+
ECR	Geert Bourgeois, Jan Zahradil
ID	Roman Haider, Danilo Oscar Lancini
NI	Carles Puigdemont i Casamajó
PPE	Anna-Michelle Asimakopoulou, Daniel Caspary, Arnaud Danjean, José Manuel García-Margallo y Marfil, Danuta Maria Hübner, Leopoldo López Gil, Gabriel Mato, Jörgen Warborn, Iuliu Winkler
Renew	Jordi Cañas, Karin Karlsbro, Marie-Pierre Vedrenne
S&D	Dietmar Köster, Margarida Marques, Javier Moreno Sánchez, Thijs Reuten, Inma Rodríguez-Piñero, Katarína Roth Neved'alová, Mihai Tudose
The Left	Helmut Scholz
Verts/ALE	Saskia Bricmont, Reinhard Bütikofer, Heidi Hautala, Sara Matthieu

0	-

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni